### SMR Nru: 12, 13,14, 15

- ✔ Miżuri għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu mard, bħal:
  - l-enċefalopatiji sponġiformi li tinxtered
  - il-marda tal-ilsien u d-dwiefer
  - il-marda vexxikolari tal-ħnieżer
  - il-'bluetongue'

L-azzjoni meħtieġa hi li ssir in-notifikazzjoni tal-mard biex b'hekk jkun hemm kontroll fuq it-tixrid ta' mard u jitnaqqas ir-riskju fuq is-saħħa tal-bniedem.

### SMR Nru: 16, 17 u 18

SMR 16 u 17 ipoġġu limiti dwar il-ħarsien tal-għoġġiela u ħniezer. Dawn jinkludu:

- ✔ indafa u strutturi li jipprovdu akkomodazzjoni adekwata għall-annimali
- ✔ elementi naturali bħall-ventilazzjoni, dawl u temperatura jkunu ta' livelli tajbin
- ✔ l-art tkun livellata u ma tiżloqx
- ✖ ma jkunx hemm possibbiltajiet ta' xokkijiet mill-elettriku, minħabba xi 'wires' jiġru fl-art

SMR 18 għandha l-għan li tipproteġi l-benesseri t'annimali miżmuma għall-finijiet ta' biedja, billi jiġu stabbiliti limiti għall-kura u t-trobbija tal-annimali.

## Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali tajbin (GAEC)

Dawn l-istandards jikkonċernaw it-telf tal-ħamrija, l-livell organiku tal-ħamrija, struttura tal-ħamrija, żamma ta' karatteristiċi ambjentali ta' valur ekoloġiku, kif ukoll protezzjoni u maniġġjar ta' użu tal-ilma għal skopijiet agrikoli.

- ✔ Ħitan tas-sejjieħ ta' lqugħ iridu jkunu f'kundizzjoni tajba
- ✔ Il-ħart irid isir kontra id-direzzjoni tal-qlib tal-art
- ✔ Trid tiġi prattikata n-newba fuq art imsaqqija
- ✔ Użu ta' makkinarju goff irid ikun limitat għall-bżonn biss
- ✔ Siġar taż-żebbuġ u dwieli jridu jkunu miżmuma f'kundizzjoni tajba
- ✔ Is-sors tal-ilma jrid ikun irreġistrat mal-Awtorità Maltija għar-Riżorsi
- ✔ L-elementi tal-pajsaġġ, inkluż, fejn xieraq, 'hedges', għadajjar, trinek għall-ilma, siġar f'ringiela, fi gruppi jew iżolati u l-marġini tal-għelieqi, għandhom jinżammu jew jiġu sostitwiti b'awtorizzazzjoni
- ✖ Ma jridx isir ħruq fuq wisgħa ta' aktar minn 10 metri kwadri
- ✖ Ma jintużax makkinarju fuq ħamrija imxarba
- ✖ Ma tridx tintefa' ħamrija fuq ix-xagħri
- ✖ Ma jridx ikun hemm evidenza ta' raba mitluq





### Spezzjonijiet

- Spezzjonijiet jistgħu jsiru iktar minn darba matul is-sena, minħabba li r-rekwiżiti ma jistgħux jiġu kkontrollati kollha fi spezzjoni waħda.
- L-ispezzjonijiet jistgħu jsiru mingħajr notifika kemm minn spetturi mill-Aġenzija għall-Pagamenti kif ukoll minn spetturi tal-Awtorità Kompetenti mis-settur.

### Sanzjonijiet

Is-sanzjonijiet jiġu maħduma skont ir-regolamenti tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll dawk Nazzjonali. Jittieħdu nkonsiderazzjoni;

- t-tip u l-gravità tas-sanzjoni
- l-livell ta' permanenza
- s-severità
- kemm il-darba' nstabet is-sanzjoni.

- ○ F'kazijiet ta' negliġenza tal-obbligi relatati mal-'Cross Compliance', is-sanzjoni tkun bejn 1% u mhux aktar minn 5% tal-ammont dovut.
- ○ Jekk l-istess infrazzjoni tinstab fuq il-qasam (infrazzjoni ripetittiva), il-bidwi/raħħal jeħel penali akbar li jammontaw għal mhux aktar minn 15%.
- ○ Każijiet gravi ta' nfrazzjoni jew infrazzjoni repetuta għal aktar minn tlett darbiet, jiġu meqjusa bħala intenzjonati u b'hekk il-bidwi/raħħal jeħel penali li tvarja bejn 20% u 100% tal-pagament totali.



L-Awtorità ta' Tmexxija tixtieq tfakkar li dan il-fuljett joffri gwida fil-qosor ħafna. Aktar dettall dwar l-obbligi, l-leġiżlazzjonijiet u informazzjoni oħra huma aċċessibli minn fuq is-sit elettroniku **www.mrra.gov.mt/PA**

**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013**

Dan il-fuljett ġie ko-finanzjat mill-Assistenza Teknika taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali:
**L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali**
Rata ta' Ko-finanzjament 75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta



# IL-'CROSS COMPLIANCE'

*Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta (2007-2013)*

Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali: L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali





## X'inhi l-'Cross Compliance'?

## Obbligi li jrid isegwi min jaħdem l-art u/jew min irabbi l-bhejjem, imfasslin skont il-liġi Maltija u dik tal-Unjoni Ewropea.

**Hemm żewġ aspetti tal-'Cross Compliance':**

- Rekwiżiti Statutori ta' Maniġġ (SMR's) skond 19-il Direttiva u Regolament li jikkonċernaw il-ħarsien tal-ambjent, is-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti, u l-ħarsien tal-annimali.
- Iż-żamma tal-art f'Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba (GAEC).

**X'benefiċċji għandha il-'Cross Compliance'?**

Bidwi/raħħal li jkun konformi mal-'Cross Compliance' jipproduċi prodott ġenwin u ta' kwalita għall-konsumatur, kif ukoll jirċievi l-pagamenti totali li huma dovuti lilu mingħajr tnaqqis.

## Obbligi Legali – SMRs

**SMRs fuq sfond aħdar huma applikabbli għal min jaħdem l-art**

**SMRs fuq sfond kannella huma applikabbli għal min irabbi l-bhejjem**

**SMRs fuq sfond oranġjo huma applikabbli kemm għal min jaħdem l-art kif ukoll għal min irabbi l-bhejjem**

## X'għandu jagħmel jew ma jagħmilx min jaħdem l-art biex ikun konformi mal-obbligi legali?

### SMR Nru 1: Protezzjoni ta' Għasafar Slavaġ

- ✖ Ma tiddisturbax il-bajd u l-bejtiet tal-għasafar
- ✖ Ma ssirx kaċċa fuq tajr protett
- ✖ Ma jintużawx metodi ta' kaċċa illegali
- ✖ Ma ssirx ħsara fuq l-ambjent fejn ibejtu/jgħixu l-għasafar
- ✖ Ma jinżammux għasafar protetti

### SMR Nru 2: Protezzjoni tal-ilma tal-Pjan minn Sustanzi Perikolużi

Ma jsirux azzjonijiet li jagħmlu ħsara lill-ilma tal-pjan, billi:

- ✔ jigi kkontrollat r-rimi ta' sustanzi/kimiċi perikolużi
- ✔ is-sors tal-ilma jkun protett biex jipprevjeni l-kontaminazzjoni
- ✔ jintuża u jiġi maħżun b'mod għaqli fjuwel, pestiċidi, fertilizzanti u makkinarju

### SMR Nru 3: Użu ta' Ħama tad-Dranaġġ

- ✔ Bidwi jrid jiżgura li ma jkunx hemm riskju ta' kontaminazzjoni għall-bniedem, l-annimali, l-pjanti u l-Ħamrija skont kif stabbilit fil-liġi.



### SMR Nru 5: Ħarsien u Protezzjoni tal-abitati

- ✔ Tipproteġi l-flora u l-fawna fil-kampanja Maltija u l-abitat naturali fejn jgħixu, bħall-elementi tal-pajsaġġ
- ✔ Ħitan tas-sejjieħ jinżammu fi stat ta' manutenzjoni tajba
- ✔ Kull żvilupp għandu jkun kopert minn permess tal-MEPA
- ✖ Ma jsirx rimi ta' skart
- ✖ Ma titneħħiex il-veġetazzjoni u ma jinqatgħux l-arbuxelli jew siġar
- ✖ Ma jkunx hemm użu ta' velenu mingħajr kontroll

### SMR Nru 9: Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (PPP)

Il-bidwi jrid jaċċerta ruħu li l-prodott jkun mingħajr traċċi ta' bexx u ma jikkawża l-ebda detriment għall-konsumatur, billi:

- ✔ l-bexx li jintuża jkun awtorizzat mill-Awtorità Maltija dwar l-istandards
- ✔ l-bexx jkun użat fuq il-prodott skond kif indikat fuq it-tikketta
- ✔ l-bexx jkun miżmum fil-konteni turi oriġinali tiegħu bit-tikketta bil-Malti u bl-Ingliż
- ✔ l-bexx ikun merfugħ f'post sikur mingħajr possibiltà ta' kontaminazzjoni u aċċess għat-tfal
- ✔ l-armar li bih jiġi applikat il-bexx jkun nadif u fi stat tajjeb
- ✔ l-bidwi juża apparat protettiv meta jbexx
- ✔ jinżamm tagħrif dwar ix-xiri u l-użu tal-bexx

## X'għandu jagħmel jew ma jagħmilx min jaħdem l-art u min irabbi l-bhejjem biex ikun konformi mal-obbligi legali?



### SMR Nru 4: Użu ta' fertilizzanti – Protezzjoni tal-ħamrija minn Nitrati Eċċessivi

Ma tridx issir kontaminazzjoni tal-ilma minn nitrati li jintużaw fil-biedja billi:

- ✔ jkun hemm struttura adegwata għall-ħażna ta' demel
- ✔ jinżamm tagħrif dwar produzzjoni, xiri, ġarr u użu ta' demel
- ✔ għandu jinżamm pjan ta' fertilizazzjoni li l-bidwi jimxi fuqu
- ✖ ma jsirx użu ta' demel bejn il-15 ta' Ottubru u l-15 ta' Marzu
- ✖ l-kwantità ta' demel użata m'għandiex taqbeż il-170 kilo ta' nitrati għal kull ettaru
- ✖ ma jiġix użat demel qrib nixxiegħat tal-ilma, fejn il-kosta u/jew fuq art maqluba

## X'għandu jagħmel jew ma jagħmilx min irabbi l-bhejjem biex ikun konformi mal-obbligi legali?

### SMR Nru: 6 Identifikazzjoni u Reġistrazzjoni tal-ħnieżer
### SMR Nru: 7 Identifikazzjoni u Reġistrazzjoni tal-Bovini
### SMR Nru: 8 Identifikazzjoni u Reġistrazzjoni tan-Nagħaġ u Mogħoż

Ir-raħħal irid iżomm traċċa tal-informazzjoni relatata mat-traċċabiltà tal-annimali li jinkludi:

- ✔ l-annimali jkunu reġistrati mas-Servizzi Veterinarji
- ✔ r-reġistru tal-merħla jkun aġġornat bid-dettalji meħtieġa
- ✔ t-timbri u ċ-ċomb iridu jkunu aġġornati u preżenti fuq l-annimali kollha
- ✔ trasparenza fuq iż-żamma ta' tagħrif tal-annimali li ġew trasferiti

### SMR Nru 10: Użu ta' Ormoni fit-trobbija tal-annimali

- ✔ Il-mediċini għandhom jiġu wżati skont il-bżonn, fuq parir jew b'ordni tal-veterinarju
- ✖ Ma jintużawx sustanzi illegali li jkollhom azzjoni ormonika u tirostatika u ta' beta-agonists
- ✖ Ma jkunx hemm traċċi ta' residwi fil-laħam u prodotti oħrajn li jiġu kkunsmati mill-bniedem billi jiġi osservat iż-żmien ta' wara l-użu tal-ormoni

### SMR Nru: 11 Iġene fuq ir-Razzett

- ✔ Billi wieħed ikollu strutturi u prattiċi tajbin biex jiġi eliminat ir-riskju ta' kontaminazzjoni bl-għan li jiggarantixxi il-produzzjoni sigura tal-ikel għall-bniedem, kif ukoll magħlef għall-bhejjem.